**Minuti tat-372 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**Il-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku s-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-371 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa meta kienu ser jiġu rranġati l-*culverts* f'Misraħ San Gakbu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ix-xogħol kien ser isir fil-jiem li ġejjin.

Is-Sinjura Calleja staqsiet meta ser jiġi rranġat il-kaptell li hemm fi Triq ix-Xgħajra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien ser jikteb lill-kumpanija *Go* biex dawn il-kaptelli jiġu rranġati fi żmien qasir.

Is-Sinjura Calleja staqsiet dwar id-devoluzzjoni tal-art fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini. Is-Sinjura Calleja qalet li r-residenti ma jixtiequx li din l-art tinbena u qed jitolbu li din l-art tiġi mnaddfa sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw il-vetturi tagħhom.

Is-Sur Buttigieg qal li l-Gvern kien għażel ħdax-il Kunsill biex ikunu minn tal-ewwel fl-iskema tal-*Public Private Partnership*. Is-Sur Buttigieg talab li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jingħata ħjiel ta' meta l-Kunsill kien se jiġi aċċettat taħt din l-iskema.

Is-Sur Buttigieg talab lill-Kunsill biex jerġa' jikteb lill-*Transport Malta* biex isir ix-xogħol ta' manutenzjoni fi Triq is-Santwarju u Triq tal-Labour. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ stqarrija għall-istampa biex juri ddiżappunt tiegħu għall-fatt li l-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar mhux qed tingħata għajnuna minn numru ta' Dipartimenti u Awtoritajiet tal-Gvern. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ.

Is-Sur Pace reġa' talab biex il-Kunsill jikteb lill-persuna li kienet qalgħet il-ħnejja fi Sqaq San Mikiel biex din terġa' titwaħħal issa li x-xogħol ta' kostruzzjoni tlesta.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat Memo 92/2010 mibgħuta mid-Direttur Ġenerali, Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar proċeduri dwar il-ħatra ta' Viċi President fuq kull Kumitat Reġjonali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Michael Bowman, Moderatur tal-Kunsill Pastorali Parrokjali dwar ħatra ta' Sotto Kumitat sabiex flimkien ma' membri mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar issir ħidma kolletttiva bil-għan li jkomplu jiġġeddu l-valuri fost ir-residenti Żabbarin. Is-Sindku ppropona li l-kunsillieri s-Sur Pace u s-Sur Grech ikunu r-rappreżentanti tal-Kunsill. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel bi tmien voti u vot kontra.

Inqrat Memo 94/2010 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament għall-proġetti u inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom. Barra l-*budget* allokat lilhom, il-Kumitati Amministrattivi ser ikunu jistgħu wkoll japplikaw għal diversi skemi ta' fondi speċjali.

Inqrat Memo 95/2010 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar skema li permezz tagħha ser tingħata għajnuna lill-Kunsilli Lokali u lill-Kumitati Amministrattivi sabiex jorganizzaw attivitajiet fil-lokalita' tagħhom.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali, Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar skema ta' finanzjament għar-restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni li għamel biex tingħata l-għajnuna finanzjarja permezz ta' din l-iskema ma ntgħażlitx għar-raġuni li ma kinitx tissodisfa l-kriterji selettivi stabbiliti għal din is-sena fuq din l-iskema. Is-Sur Pisani ppropona li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment u jitlob spjegazzjoni ċara dwar ir-raġuni għal dan ir-rifjut. Is-Sur Catania ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb din l-ittra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Malcolm Schembri dwar pubblikazzjoni ġdida fuq il-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar fejn stieden lis-Sindku biex iwassal il-messaġġ tiegħu f'din il-pubblikazzjoni. Is-Sur Schembri offra li l-Kunsill jieħu l-opportunita' li jagħmel xi avviż jew messaġġ pubbliku f'din il-pubblikazzjoni bi ħlas. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel avviż ta' informazzjoni dwar is-separazzjoni tal-iskart għall-prezz stabbilit ta' €45.

Inqraw il-minuti tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

Fit-8.00 ta' filgħaxija s-Sur Catania u s-Sur Buħagiar talbu li jkunu skużati.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Ġunju, 2010 u l-15 ta' Lulju, 2010 li kien jammonta għal €43,655.91. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2010 li kien jammonta għal €163.93. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għal perjodu Jannar – Marzu 2010 flimkien mal-*Financial Indicator* għall-istess perjodu. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni proposta mis-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, li tipproponi li l-impjegata Sharon Camenzuli tingħata promozzjoni minn Skrivana (Skala 15) għal grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Pace semma l-bżonn li jsir *day/Night shelter* fil-lokalita'.

Is-Sur Pace semma l-kunċert ta' muzika lirika li ser isir mill-kumpanija *Minigig* u talab li l-Kunsill jagħti pubbliċita lil din l-attivita' permezz tal-programm tiegħu fuq Radju Hompesch.

Is-Sur Pisani nforma lill-Kunsill dwar l-attivita` li ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd, 25 ta' Lulju, 2010. Is-Sur Pisani qal li l-kunċett wara din l-attivita` ser ikun primarjament il-prinċipju ta' kummerċ ġust u li l-ispiza biex tittella din l-attivita` mhux ser tkun ta' aktar minn €250. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita`.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li titnaddaf *is-soft area* ta' Misraħ Alojfu Wignacourt u s-siġar li hemm f'dan is-sit jissaqqew.

Fit-8.20 ta' filgħaxija s-Sur Pace talab li jkun skużat.

Is-Sur Buttigieg qal li qed ikollu kuntatti biex issir laqgħa mal-Ministru responsabbli mill-anzjani biex tkompli tiġi diskussa l-ħtieġa ta' dar għall-anzjani f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jitpoġġa *litter bin* ħdejn il-*bus stop* ta' Misraħ Medjatriċi.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li titnaddaf *plot* li hemm fi Triq ix-Xgħajra peress illi fiha ntefa' ġebel u xi materjal ieħor.

Is-Sur Buttigieg qal li waqt ħarġa għall-anzjani f'Għawdex ingħata ktieb mill-Kunsill Lokali tal-Qala li ser ikun għad-dispozzizjoni tal-pubbliku fil-librerija ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Grech qal li kien ġie avviċinat minn tlett artisti li xtaqu jagħmlu esebizzjoni tal-arti qabel il-festa ta' Ħaż-Żabbar. Huma talbu sabiex din il-wirja tiġi organizzata b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti l-għajnuna li jista' lil dawn l-artisti.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jiġi rranġat il-ħadid li ġie mkisser f'inċident tat-traffiku li seħħ fi Triq il-Kunvent. Is-Sindku qal li kienet diġa ttieħdet azzjoni biex dan il-ħadid jiġi rranġat.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li ssir *road hump* fi Triq il-Kapuċċini.

Is-Sindku qal li meta jitlesta x-xogħol ta' manutenzjoni tal-bankini li qed isir, il-Kunsill ser jiddiskuti dwar it-talbiet li saru għal *road humps* ġodda fit-toroq tal-lokalita`.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li s-sena dieħla ma jistax jerġa' jkun *carer* matul il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.50 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-373 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 3 ta' Awwissu, 2010.

Domenic Agius
Sindku